MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1476/1992/2

**Antonio Schembri u Giuseppa mart Grezzju Calleja ahwa Schembri u l-istess Grezzju Calleja bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'digriet tad-19 ta' Mejju 2000 assumiet l-atti tal-kawza Giuseppa Calleja bhala armla ta' Grezzju Calleja**

**vs.**

**Carmelo, Nazzareno, Rita mart Francesco Calleja, ahwa Schembri, u l-istess Francesco Calleja bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'digriet tal-21 ta' Jannar 1993 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominate kuraturi biex jirrapprezentaw lil imsifrin Angelo u Gio Maria sive Jimmy ahwa Schembri; u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-imsifrin Theresa Maree mizzewga Layton, Helen Elizabeth mizzewga Sayers, Joanne Margaret xebba Schembri u**

**Robyn Joy mizzewga Carey, ahwa Schembri, minflok missierhom Angelo Schembri li miet fil-mori tal-kawza, u bl-istess digriet gew nominate l-Avukat Dott. Francesco Depasquale u l-P.L. Joanne Dingli bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentawhom ghall-finijiet kollha tal-ligi; u b'digriet tal-14 ta' Jannar 1998, Carmelo Schembri gie awtorizzat li jidher ghall-imsifrin Theresa Maree mizzewga Layton, Helen Elizabeth mizzewga Sayers, Joanne Margaret xebba Schembri u Robyn Joy mizzewga Carey, fl-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok il-kuraturi deputati Avukat Dott. Francesco Depasquale u l-P.L. Joanne Dingli**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Dicembru 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fl-10 ta' Mejju 1979 (Dokument A) miet Giuseppi Schembri missier il-kontendenti, ahwa Schembri, u fil-25 ta' Marzu 1992 (Dokument B) mietet Teresa Schembri, omm l-istess ahwa Schembri;

Illi skond it-testment taghhom unica charta fl-atti tan-Nutar Dr. Salvatore Abela tat-28 ta' Novembru 1970 (Dokument C) l-istess konjugi Schembri hallew legat tal-oggetti kollha a limine intus u kwart mill-flus u titoli ta' flus, u l-uzu u l-uzufrutt tal-kumplament ta' gidhom lis-superstiti fosthom, u hallew bhala eredi taghhom lis-seba' uliedhom il-kontendenti ahwa Schembri fi kwoti ndaqs bejniethom;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossjedu in komun mal-konvenuti;

Talbu ghalhekk li din il-Qorti:

(1) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ga` ezistenti bejn l-imsemmija Giuseppi u Teresa konjugi Schembri;
(2)Tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi

partikolari ta' Giuseppe Schembri u l-ohra lill-assi partikolari ta' Teresa Schembri;

(3) Tillikwida l-assi partikolari ta' Giuseppi Schembri billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs indiviz tal-komunjoni tal-akkwisti u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

(4) Tillikwida l-assi partikolari ta' Teresa Schembri billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs tal-komunjoni kif fuq likwidata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

(5) Tiddividi l-assi partikolari ta' Giuseppi Schembri kif fuq likwidat, salv il-legati favor il-konjugi superstiti, jigi diviz f'seba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lis-seba' kontendenti ahwa Schembri;

(6) Tiddividi l-assi partikolari ta' Teresa Schembri kif fuq likwidat f'seba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed lill-kontednenti seba' ahwa Schembru; u

(7) Jigu nominate periti ghal-liwkidazzjoni u divizjonijiet mehtiega, Nutar biex jippubblika l-att opportune u kuraturi ghall-kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Rita mart Francesco Calleja u l-istess Francesco Calleja pprezentata fit-23 ta' April 1993 fejn qalu:

Illi huma ma joggezzjonawx li jigu likwidati u konsegwentement divizi l-assi ereditarji ta' Giuseppi u Teresa konjugi Schembri basta li jigu rispettati r-rispettivi kwoti tal-kontendenti u basta wkoll li kull parti tbati l-parti proporzjonali taghha mill-ispejjez gudizzjarji;

Salvi eccezzjonjiet ohra;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Schembri pprezentat fis-27 ta' April 1993 fejn qal:

Illi huwa ma joggezzjonax li jigu likwidati u konsegwentement divizi l-assi ereditarji ta' Giuseppi u Teresa konjugi Schembri basta li jigu rispettati r-rispettivi kwoti tal-kontendenti u basta wkoll li kull parti tbati l-parti proporzjonali taghha mill-ispejjez gudizzjarji;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Avukat Dott. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici fejn qalu:

Illi huma mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jaghmlu nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;

Salv eccezzjonjiet ohra;

Rat id-digriet tal-5 ta' Novembru 1993 li permezz tieghu giet nominate l-Avukat Dott. Irene Bonello bhala perit legali u d-digriet tal-24 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tal-11 ta' Awissu 1995 li permezz tieghu, fuq rikors tal-periti gudizzjarji, gie nominat il-land surveyor Peter Paul Caruana sabiex jassisti lill-perit tekniku;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa fil-25 ta' Settembru 1996;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Novembru 1998 fejn iddecidiet li ma tistax tordna l-bejgh b'licitazzjoni tar-razzett ghax ma hemmx talba f'dan is-sens minn ebda wiehed jew wahda mill-koproprjetarji, li m'ghandu jithallas lill-atturi l-ebda kumpens jew sehem mill-qliegh maghmul mill-koltivazzjoni kemm tar-raba mizmum fuq titolu ta' lokazzjoni kif ukoll tar-raba frank, u li l-fondi fil-pussess tal-konvenuti b'titolu ta' qbiela jridu wkoll jidhlu fil-massa ereditarja tal-genituri tal-partijjiet u b'hekk jigu nkluzi fil-pjan ta' divizjoni mal-fondi l-ohra, u ordnat li l-perit tekniku jaghmel rapport addizzjonali fejn ghandu jikkonsidra wkoll dawn il-fondi u jikkonsidra wkoll l-

possibbilta` ta' dak kontemplat fl-artikoli 506 u 508 tal-Kodici Civili;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku debitament mahlfua fl-4 ta' Lulju 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

1. Mill-atti processwali jirrizulta illi Giuseppi u Teresa konjugi Schembri mietu rispettivament fl-10 ta' Mejju 1979 u fil-25 ta' Marzu 1992. L-ahhar testament taghhom kien dak *unica charta* tat-28 ta' Novembru 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela. Huma kellhom seba' ulied, u cioe`: Antonio, Giuseppa mart Grezzju Calleja, Carmelo, Rita mart Francesco Calleja, Nazzareno, Angelo u Gio Maria sive Jimmy, ahwa Schembri. Fil-mori tal-kawza miet Angelo Schembri u ssuccedewh l-erba' uliedu Theresa Maree mizzewga Layton, Helen Elizabeth mizzewga Sayers, Joanne Margaret, xebba, u Robyn Joy mizzewga Carey, ahwa Schembri. Ghalhekk il-wirt ta' l-imsemmijin Giuseppi u Teresa konjugi Schembri jiddevolvi kwantu ghal settima parti indiviza lil kull wiehed u wahda minn uliedhom Antonio, Giuseppa mart Grezzju Calleja, Carmelo, Rita mart Francesco Calleja, Nazzareno, u Gio Maria sive Jimmy, ahwa Schembri, u kwantu ghal settima parti indiviza lil ulied binhom Angelo, u cioe` Theresa Maree Layton, Helen Elizabeth Sayers, Joanne Margaret u Robyn Joy Carey, ahwa Schembri.

2. Permezz ta' l-imsemmi testament, it-testaturi Giuseppi u Teresa konjugi Schembri hallew "b'titolu ta' prelegat reciprokament a favor ta' xulxin cioe` mill-premorjent a favor is-superstiti minnhom (a) in piena proprjeta` l-affarijiet tad-dar taghhom, cioe` fejn ikunu joqoghdu fil-mewt tal-premorjent, u dana jkun jinkludi kollox a limine intus, kif ukoll kwart mill-flus kollha, titolu ta' flus, u krediti, u (b) l-uzu u tgawdija (uzufrutt) tal-kumplament ta' gidhom, liema tgawdija tibda mill-gurnata tal-mewt tal-premorjent u tibqa' sal-gurnata tal-mewt tas-

superstiti ….” Inoltre nnominaw lill-imsemmijin seba’ uliedhom bhala unici werrieta proprjetarji assoluti.

3. Il-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ l-imsemmijin konjugi Schembri kien jikkonsisti fis-segwenti:

a. Fond tal-abitazzjoni 22, Bingemma Road, Mgarr.
b. Ghalqa “Tal-Haddedin”, limiti Mgarr.
c. Ghalqa “Il-Mahbar”, limiti Mgarr.
d. Ghalqa “Tas-Sies”, limiti Mgarr.
e. Depoziti bankarji fl-ammont ta’ Lm2926.02,3.
f. British Savings Bonds fl-ammont ta’ Stg 1,550.
g. Cheques mhux imsarrfa fl-ammont ta’ Stg 55.25
h. Flus id-dar fl-ammont ta’ Lm40.
i. Senter numru 9689/9107.
j. Zewgt izpapen, erba’ furkettuni, mutur tal-hart u mutur tal-bexx.
k. Ghamara li, pero`, ma giex specifikat f’hiex tikkonsisti.

L-assi partikolari ta’ Giuseppi Schembri ghalhekk kien jikkonsisti f’nofs indiviz ta’ dak kollu suelenkat.

4. Meta mietet Teresa Schembri, l-assi partikolari taghha kien jikkonsisti fis-segwenti:

a. Nofs indiviz ta’ l-immobbli ndikati fil-paragrafu 3 bl-ittri a, b, c, u d.
b. Depozitu bankarju fl-ammont ta’ Lm1,419.
c. Washing-machine, fridge u gradenza antika.
d. Zewg gizirajjen tad-deheb u curkett tad-deheb.

5. Kwantu ghad-depoziti u titoli, jirrizulta illi wara l-mewt ta’ Giuseppi Schembri dawn gew kollha *“released”* mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u nfetah kont wiehed mal-Mid-Med Bank bis-sehem restanti ta’ Giuseppi Schembri fl-ammont ta’ Lm1,551.85,2 soggett ghall-uzufrutt ta’ Teresa Schembri. Wara l-mewt ta’ Teresa Schembri, dan id-depozitu flimkien mad-depozitu l-iehor f’isimha nghalqu u nfetah kont wiehed f’isem l-eredita` Teresa u Joseph Schembri mal-Mid-Med Bank kont numru 614206802 li, sad-19 ta’ Lulju 1993, jidher li kien

fih l-ammont komplessiv ta' Lm2,787.79,5 (ara nota a fol. 35).

6. Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta illi l-assi ereditarji ta' Giuseppi u Teresa konjugi Schembri li issa jrid jigi diviz bejn il-kontendenti huwa s-segwenti:

a. Fond tal-abitazzjoni 22, Bingemma Road, Mgarr, tal-valur ta' Lm21,000.
b. Ghalqa "Tal-Haddedin", limiti Mgarr, tal-valur ta' Lm38,573.
c. Ghalqa "Il-Mahbar", limiti Mgarr, tal-valur ta' Lm4,720.
d. Ghalqa "Tas-Sies", limiti Mgarr, tal-valur ta' Lm1,760.
e. Depozitu bankarju fl-ammont ta' Lm2,787.79,5 (oltre l-imghax akkumulat).
f. Senter numru 9689/9107.
g. Zewgt izpapen, erba' furkettuni, mutur tal-hart u mutur tal-bexx.
h. Washing-machine, fridge u gradenza antika.
i. Zewg gizirajjen tad-deheb u curkett tad-deheb.

7. Pero` jirrizulta illi l-konjugi Giuseppi u Teresa Schembri kellhom ukoll raba detenut minnhom b'titolu ta' lokazzjoni. Dan kien is-segwenti:

A. Tal-Burqax (1) tal-kejl ta' 2598.85 metri kwadri
B. Tal-Burqax (2) tal-kejl ta' 8711.45 metri kwadri
C. Ta' Fuq ix-Xatba tal-kejl ta' 1811.85 metri kwadri
D. Is-Sghatrija tal-kejl ta' 1349.50 metri kwadri
E. Tal-Imdawra (1) tal-kejl ta' 3168.10 metri kwadri
F. Tal-Imdawra (2) tal-kejl ta' 1926.25 metri kwadri
G. Ta' Halqun (1) tal-kejl ta' 587.66 metri kwadri
H. Ta' Halqun (2) tal-kejl ta' 2432.90 metri kwadri

Kif stipulat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta' Novembru 1998, dawn il-qatghat ta' raba jidhlu fil-massa ereditarja ta' l-imsemmijin Giuseppi u Teresa konjugi Schembri u sejrin jigu divizi wkoll bejn il-kontendenti

8. Fl-ewwel relazzjoni tieghu l-perit tekniku ndika li r-razzett li jinsab f'numru 22, Triq Bingemma, Mgarr, mhuwiex komodament divizibbli. Fis-sentenza preliminari msemmija moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Novembru 1998, gie deciz illi ma tistax tordna l-bejgh b'licitazzjoni gahx m'hemmx talba f'dan is-sens minn ebda wiehed jew wahda mill-koproprjetarji. Din is-sentenza ma gietx appellata u ghaldaqstant din il-Qorti kif issa presjeduta ma tistax tvarja dik id-decizjoni. Ghalhekk hija sejra thalli l-imsemmi fond in komun bejn il-kontendenti sabiex ikunu jistghu huma jghaddu ghal-licitazzjoni tieghu.

9. Kwantu ghall-ghelieqi "Tal-Haddedin", "Tas-Sies" u "Il-Mahbar" jew "Ta' fejn il-Kamra", il-perit tekniku ppropona s-segwenti pjan ta' divizjoni u ekwiparazzjoni. Jigi osservat illi l-ghalqa "Tas-Sies" thalla shih u gie ndikat bhala Plot A (Dok. P.T. 1 a fol. 110), dak "Ta' fejn il-Kamra" inqasam f'zewg plots "B" u "C" (Dok. P.T. 2 a fol. 111) filwaqt illi "Tal-Haddedin" inqasam fi tlettax-il qatgha u mmarkati bhala Plots D sa P (Dok. P.T. 3 a fol. 112):

<u>L-Ewwel Porzjon</u>

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots C u D li ghandhom valur ta' Lm6,860. Dan il-porzjon ihallas darba wahda biss Lm71 kull wiehed lit-tieni, tielet, raba' u hames porzjonijiet, Lm68 lis-sitt porzjon, u Lm72 lis-seba' porzjon, b'kollox ghalhekk Lm424. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,860 - Lm424 = **Lm6,436**.

<u>It-Tieni Porzjon</u>

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-plots A, E u K tal-valur komplessiv ta' Lm6,365. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm71 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,365 + Lm71 = **Lm6,436**.

<u>It-Tielet Porzjon</u>

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots B, F u L tal-valur komplessiv ta' Lm6,365. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm71 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,365 + Lm71 = **Lm6,436**.

Ir-Raba' Porzjon

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots G u M tal-valur komplessiv ta' Lm6,365. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm71 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,365 + Lm71 = **Lm6,436**.

Il-Hames Porzjon

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots H u N tal-valur komplessiv ta' Lm6,365. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm71 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,365 + Lm71 = **Lm6,436**.

Is-Sitt Porzjon

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots I u O tal-valur komplessiv ta' Lm6,368. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm68 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,368 + Lm68 = **Lm6,436**.

Is-Seba' Porzjon

Dan il-porzjon huwa ffurmat mill-Plots J u P tal-valur komplessiv ta' Lm6,364. Dan il-porzjon jircievi darba wahda biss Lm72 minghand l-Ewwel Porzjon. Il-valur ta' dan il-porzjon b'hekk jigi Lm6,364 + Lm72 = **Lm6,436**.

Il-perit tekniku inoltre rrakkomanda illi meta ssir il-qasma, kull min ikun f'dak il-mument qed jahdem xi wicc jew jikkultiva xi dwieli u sigar, ghandu jithalla sakemm jingabar il-prodott u/jew frott. Inoltre, a rigward is-sigar tac-citru u ta' frott irqiq u ta' dwieli, huwa esprima l-fehma li kull min fil-porzjon tieghu jmissu minn dawn u jkunu gew imhawwlin u kultivati minn haddiehor, ghandu jikkompensa taghhom b'rata stabbilita minn espert agronomu mid-Dipartiment tal-Biedja u d-drittijiet dovuti

jithallsu proporzjonalment; il-kumpens li jigi hekk stabbilit ghandu jithallas mill-partijiet ikkoncernati fi zmien xahar minn meta jigi hekk notifikat lilhom.

10. Fil-mori tal-kawza rrizulta illi l-konvenut Gio Maria sive Jimmy Schembri ceda s-sehem tieghu fuq ir-raba detenut in lokazzjoni (imsemmi fil-paragrafu numru 7) lill-hames hutu li jghixu Malta, filwaqt illi ulied il-mejjet Angelo Schembri cedew is-sehem taghhom, tnejn minnhom lill-attur Antonio Schembri u tnejn minnhom lill-attrici Giuseppa Calleja. B'hekk l-atturi Antonio Schembri u Giuseppa Calleja ghandhom 17/70 sehem indiviz kull wiehed u wahda minnhom filwaqt illi l-konvenuti Carmelo Schembri, Nazzareno Schembri u Rita Calleja ghandhom 12/70 kull wiehed u wahda minnhom. Il-qatghat kollha in kwistjoni gew indikati bl-ittri A sa H kif indikat fil-paragrafu precedenti fuq il-pjanta Dok. P.T. 1 a fol. 373. Il-qatgha bl-ittra B get imbaghad imqassma f'hames porzjonijiet kif jidher fid-Dok. P.T. 2 a fol. 374. Il-perit tekniku ppropona l-qasma kif ser jinghad:

<u>Attur 1</u>

Ghalqa E (3168.10 m.k.) + ghalqa F (1926.25 m.k.) + porzjon W mill-ghalqa B (390.96 m.k.) = 5485.31 metri kwadri.

<u>Attur 2</u>

Ghalqa A (2598.85 m.k.) + ghalqa G (587.65 m.k.) + porzjon Z mill-ghalqa B (2298.81 m.k.) = 5485.31 metri kwadri.

<u>Konvenut 1</u>

Ghalqa C (1811.85 m.k.) + ghalqa D (1349.50 m.k.) + porzjon U mill-ghalqa B (710.65 m.k.) = 3871.98 metri kwadri.

<u>Konvenut 2</u>

Ghalqa H (2432.90 m.k.) + porzjon X mill-ghalqa B (1439.08 m.k.) = 3871.98 metri kwadri.

<u>Konvenut 3</u>

Porzjon V mill-ghalqa B = 3871.98 metri kwadri.

Peress illi l-porzjonijiet mhumiex ugwali, il-porzjonijiet li ser imissu lill-atturi u l-porzjonijiet li ser imissu lill-konvenuti jridu jigu assenjati mbaghad ssir il-qasma bix-xorti bejn iz-zewg atturi ghal rashom u bejn it-tliet konvenuti ghal rashom.

11. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni bix ma tadottax il-pjani ta’ divizjoni sottomessi mill-perit tekniku kemm fir-rigward l-ghelieqi li kienu proprjeta` ta’ Giuseppi u Teresa konjugi Schembri, kif ukoll fir-rigward dawk li kienu ghandhom b’titolu ta’ lokazzjoni. Ghalhekk sejra tghaddi biex tiddeciedi t-talbiet attrici kif ser jinghad.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:

(1) Tillikwida l-massa ereditarja tal-konjugi Giuseppi u Teresa konjugi Schembri f’dak kollu fuq elenkat fil-paragrafi sitta (6) u sebgha (7).

(2) Tordna d-divizjoni tal-proprjeta` immobiljarja konsistenti fl-ghelieqi “Tal-Haddedin”, “Tas-Sies” u “Il-Mahbar” jew “Ta’ fejn il-Kamra” bil-modalita` indikata fil-paragrafu disgha (9) u, permezz tal-qasma bix-xorti, tigi assenjata settima parti lil kull wiehed minn Antonio, Giuseppa mart Grezzju Calleja, Carmelo, Rita mart Francesco Calleja, Nazzareno, u Gio Maria sive Jimmy, ahwa Schembri, u kwantu ghal settima parti lill-eredi ta’ Angelo Schembri. Meta ssir il-qasma, kull min ikun f’dak il-mument qed jahdem xi wicc jew jikkultiva xi dwieli u sigar, ghandu jithalla sakemm jingabar il-prodott u/jew frott.

Inoltre, a rigward is-sigar tac-citru u ta' frott irqiq u ta' dwieli, kull min fil-porzjon tieghu jmissu minn dawn u jkunu gew imhawwlin u kultivati minn haddiehor, ghandu jikkompensa taghhom b'rata stabbilita minn espert agronomu mid-Dipartiment tal-Biedja u d-drittijiet dovuti jithallsu proporzjonalment; il-kumpens li jigi hekk stabbilit ghandu jithallas mill-partijiet ikkoncernati fi zmien xahar minn meta jigi hekk notifikat lilhom.

(3) Tordna d-divizjoni tal-ghelieqi detenuti in lokazzjoni "Tal-Burqax", "Ta' Fuq ix-Xatba", Is-Sghatrija", Tal-Imdawwra" u "Ta' Halqun" bil-modalita` indikata fil-paragrafu ghaxra (10), b'dan illi l-porzjonijiet li ser imissu lill-atturi u l-porzjonijiet li ser imissu lill-konvenuti jridu jigu assenjati, imbaghad ssir il-qasma bix-xorti bejn iz-zewg atturi Antonio Schembri u Giuseppa Calleja ghal rashom u bejn it-tliet konvenuti Carmelo Scembri, Nazzareno Schembri u Rita Calleja ghal rashom.

(4) Tordna d-divizjoni tad-depozitu bankarju f'seba' porzjonijiet ugwali li jigu assenjati settima parti lil kull wiehed u wahda minn Antonio, Giuseppa mart Grezzju Calleja, Carmelo, Rita mart Francesco Calleja, Nazzareno, u Gio Maria sive Jimmy, ahwa Schembri, u kwantu ghal settima parti lill-eredi ta' Angelo Schembri.

(5) Tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Saydon biex jippubblika l-att tal-qasma bejn il-partijiet kif fuq indikat u tinnomina lill-Avukat Dottor Antonio Tufigno bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci. L-att relattiv ghandu jigi ppubblikat fil-15 ta' Dicembru 2006 fil-11.00 a.m. fl-edifizju tal-Qorti jew fl-ufficcju notarili ta' l-imsemmi Nutar.

(6) Il-fond numru 22, Bingemma Road, Mgarr u l-oggetti mobbli elenkati f'paragrafu sitta (6) bl-ittri (f) sa (i) jibqghu in komun bejn il-partijiet sabiex ikunu jistghu jipprocedu ghal-licitazzjoni taghhom.

Bl-ispejjez tal-kawza kif ukoll dawk tan-Nutar u tal-kuratur li jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, salv dawk dwar ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit tekniku u dwar l-ordni li

nghatat hawn (numru 3) ghad-divizjoni ta’ l-ghelieqi detenuti in lokazzjoni u li jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-atturi u kwantu ghal nofs mill-konvenuti Carmelo, Nazzareno u Rita mart Francesco Calleja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------